**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2023**

**<u>Rikors guramentat nru : 26/2023 AGV</u>**

ED

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku, LG, u Dr. Yanika Bugeja u PL Davina Sullivan bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri LD ghal kull interess li jista' jkollu fil-Kawza, b'digriet datat 14/04/2023.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' ED fejn ippremetta s-segwenti:-**

**<u>Dikjarazzjoni tal-fatti</u>**

1. Illi l-esponenti u l-intimata LG kienu f'relazzjoni flimkien u sahansitra kienu jghixu flimkien taht saqaf wiehed f'appartament li xtraw flimkien.

2. Illi matul dan il-perjodu li kienu jghixu flimkien l-intimata LG kellha relazzjoni intima ma' terza persuna mhux maghrufa u ad insaputa tar-rikorrent u konsegwenza ta' din r-relazzjoni klandestina gie koncepit it-Tifel L D, li twieled f' Tal-Qroqq fis-17 ta' Lulju 2019.

3. Illi wara li twieled il-minuri LD , r-rikorrent gie registrat bhala missier l-minuri stante illi huwa kien minghalieh li huwa l-missier biologiku.

4. Illi dan l-ahhar gie akkonoxxenza tar-rikorrent li l-minuri ma hux l-iben biologiku tar-rikorrent u dana wara li l-intimata ammettiet li kellha x'taqsam intimament ma' terza persuna ohra u kif ukoll wara li ttiehdu t-testijiet genetici appoziti, ossia d-DNA , u rrizulta illi l-minuri LD ma huwiex l-iben biologiku tar-rikorrent, (Ara DOK . B).

5. Illi l-minuri LD illum ghandu tliet snin.

6. Illi ghalhekk huwa evidenti li r-registrazzjoni tal-minuri LD bhala iben l-esponent kienet saret b'ingann u hija dikjarazzjoni li ma tirriflettix il-verita' u cioe' li l-esponent ma hux il-missier biologiku tal-minuri msemmi.

7. Illi l-esponent jiddikjara li huwa sar jaf b'dan il-fatti kollha personalment.

**Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

8. Illi ghalhekk l-esponent intavola dina l-kawza sabiex huwa jichad il-paternita' tal-minuri LD ghar-ragunijiet premessi, u sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat ikun ordnat jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-minuri LD kull referenza ghall-esponent bhala missier biologiku tal-minuri LD .

**Talbiet attrici**

Ghaldaqstant l-esponent, in vista ta' dan kollu fuq premess, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Fl-ewwel lok tiddikjara li l-esponent ma huwiex il-missier naturali tal-minuri LD , occorrendo bir-rizultati genetici apposta (DNA).

2. Tahtar perit nominandi sabiex minnu jsiru l-imsemmija testijiet ghal-konferma xjentifika dawr il-paternita' o meno tal-minuri.

3. Tawtorizza l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelied tal-minuri LD li jgib in-numru progressiv tal-iskrizzjoni erbat elef, erba mija u erbatax tas-sena elfejn u dsatax ( 4414/2019) u billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet methiega kif gej:-

- Fil-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella il-kliem ED u l-eta', n-numru tad-dokument tal-karta tal-identita', l-post tat-twelid

u r-residenza tal-esponent, l-isem u l-kunjom missier l-esponent u jekk huwiex haj jew mejjet, l-isem u l-kunjom omm l-esponent u kif ukoll kull referenza ohra li tirrigwarda lill-esponent.

- U tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

**Rat in-Nota ta' LG** datata 3 ta' April 2023, li eccepit is-segwenti:-

1. Li ma topponiex ghall-ewwel talba attrici.
2. Li ma topponiex ghat-tielet talba attrici.
3. Tiddikjara li fir-rigward tat-tieni talba attrici, tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti izda tosserva li mhux mehtieg li jinhatar perit fid-dawl tal-kontenut ta' din l-umli nota.

**Rat ir-RISPOSTA ĠURAMENTATA tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi preliminarjament jiġi rilevat illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat.

2. Illi skont dak li jirrizulta *ictu oculi* fiċ-ċerifikat tat-twelid tal-minuri LD (nru. 4414/2019) (anness mar-rikors promotur) huwa twieled ġewwa Malta nhar is-17 ta' Lulju 2019 lir-rikorrent u lill-intimata LG barra miż-żwieġ u dan kif iddikjaraw iż-żewg kontendenti fl-Att tat-Twelid imsemmi kif ukoll kif ikkonfermat miż-żewġ ġenituri a bażi tad-dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 292A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi jidher li r-rikorrent qiegħed jisħaq illi huwa mhux il-missier naturali tal-minuri. Illi mar-rikors promotur hemm indikat riżultat tat-test tad-DNA li jindika li r-rikorrent mhuwiex effettivament il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri, iżda l-istess ċertifikat mhuwiex ġuramentat mill-espert li fil-fatt wettqu.

4. Illi l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv dak li ġej:-

5. Illi rigward l-ewwel u t-tieni talba, din l-Onorabbli Qorti għandha taċċerta illi r-rikorrent verament mhuwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri u dan billi kull dokumentazzjoni ppreżentata bħala evidenza għandha tkun l-aħjar waħda u tissodisfa il-grad rikjest mill-liġi sabiex tikkostitwixxi prova xierqa għal din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi rigward it-tielet talba, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, l-partijiet għandhom jiddeċiedu wkoll b'mod definittiv il-kunjom li se jassumi l-minuri u dan fl-aħjar interess tal-istess minuri u din id-deċiżjoni għandha tkun riflessa fis-sentenza. Di piu' jekk hemm xi Atti tal-iStat Ċivili oħrajn li għandhom jiġu mibdula, dawn għandhom jiġu indikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed.

7. Illi finalment, l-esponent m'għandu jeħel ebda spejjez ta' dawn il-proċeduri stante illi huwa ċar illi fil-każ odjern ma jirrizulta ebda nuqqas tal-esponent imħarrek.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur ipprezenta kawza ta' denegata paternita' stante li recentement kien sar jaf li t-tifel minuri LD , ma kienx ibnu, izda kien bin LG li twieled minn relazzjoni li kellha ma' terza persuna u dana fuq ammissjoni taghha stess.

L-attur jikkonferma li fuq ic-certifikat tat-twelid jidher bhala missier naturali u bijologiku tal-istess minuri.

L-istess konvenuta LG ikkonfermat li dan kien sar kollu ad insaputa tal-attur.

In sostenn ta' dan kollu jirrizulta ukoll illi saru t-testijiet genetici u xjentifici u rrizulta li LD mhux l-iben bijologiku tal-attur.[1]

Inoltre l-istess testijiet genetici u xjentifici gew ikkonfermati minn Dr.Marisa Cassar fl-affidavitt li pprezentat quddiem dina l-Qorti.

Ghalhekk jezistu bizzejjed provi li l-attur mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tal-konvenuta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali ta' LD

ii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li l-istess testijiet gew ikkonfermati minn Dr. Marisa Cassar.

---

[1] Dok.B anness mar-rikors guramentat

iii) Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna l-korrezzjonijiet kif mehtiega u jitnizzel bhala "unknown father."

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta LG.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**